Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 215 / 2019

Il-Pulizja

Spettur Joseph Busuttil

Vs

Raymond Azzopardi

Illum 3 ta' Dicembru 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Raymond Azzopardi, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 12279 G, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'dawn il-gzejjer fis-17 ta' Lulju 2016 u fix-xhur u snin ta' qabel permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni, ippropona li jiltaqa' ma persuna ta' taht l-eta' bil-hsieb li jwettaq xi reat taht l-artikoli 204, 204A sa 204D it-tnejn inkluzi, u 208A u dik il-proposta giet segwita b'atti materjali li wasslu ghal dik il-laqgha. (Art. 208AA(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Aktar talli fl-istess cirkostanzi ippartecipa f' attivitajiet sesswali ma' persuni taht l-eta' u cioe' *Omissis* minuri ta' 15-il sena; *Omissis* minuri ta' 16-il sena; *Omissis* minuri ta' 17-il sena u *Omissis* minuri ta' 14-il sena

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, jekk jidrilha xierqa joghgobha tordna hrug ta' Ordni ta' Trattament skont l-Art 412D ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll il-provvedimenti tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni hawn fuq imsemmija kif ukoll ghal familjari taghhom.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l' Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba ukoll li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-akkuzat sabiex jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikoli 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba titratta lill-imputat bhala recediv u dan wara li nghata sentenza mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Lulju, 2019, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 208 A A (1) u 204 C (1) tal-Kodici Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u ikkundannatu tlett (3) snin prigunerija.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412 C tal-Kodici Kriminali l-Qorti ordnat l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) mill-llum fejn il-persuni protetti huma *Omissis*, *Omissis*, *Omissis*, *Omissis*, *Omissis*, Omissis u Omissis.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

Sabiex tigi protetta l-identita' tal-minuri l-Qorti ordnat d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri kollha fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali l-Qorti poggiet lill-imputat taht l-Ordni ta' Trattament ghall-perjodu ta' tlett (3) snin mill-llum taht il-kura tal-psikologu Nicholas Briffa - u dan skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ikkundannat lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' Elf hames mija disgha u tmenin Euro u hdax -il Ewro centezmu (€1589.11) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellanti Raymond Azzopardi minnu pprezentat fit-23 ta' Lulju, 2019, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija nhar il-5 ta' Lulju 2019 fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi u konsegwentement tillibera lill-esponent minn kull imputazzjoni u piena u/jew f'kaz li ma tilqghax l-aggravji dwar il-mertu, tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti li tikkoncerna l-piena inflitta.

Rat Illi l-**aggravji** huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1.) Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u erronju tal-ligi u tal-provi in kwantu sabet lill-esponent hati tal-ewwel imputazzjoni ravvizata fl-Artikolu 208AA(1) tal-Kap 9.

Minn qari tas-sentenza appellata jirrizulta, fl-ewwel lok, li l-ewwel Qorti sabet lill-esponent hati ta din l-ewwel imputazzjoni in kwantu jirrigwarda l-minuri kollha msemmija fl-akkuza. Illi effettivament huwa biss in kwantu jirrigwarda t-tieni imputazzjoni li l-ewwel Qorti dahlet fil-kwistjoni dwar it-tibdil legislattiv introdott bl-Atti XIII tal-2018.

Issa l-Artikolu 208AA(1) tal-Kap 9 johloq reita f'kull minn, permezz ta' teknologija ta' informazzjoni u kommunikazzjoni, jipproponi li jiltaqa ma persuna taht l-eta' bil-hsieb li jwettaq xi reat taht l-Artikolu 204, 204A sa 204D u 208A tal-Kap 9.

Illi minn ezami tar-rizultanzi processwali ma ghandhu jkun hemm ebda ombra ta' dubbju li minn imkien ma jirrizultaw l-elementi tar-reati kontemplati fl-Artikoli 204, 204A, 204B, 204D jew 208A. Tabilhaqq dana l-istat ta' fatt huwa indirettament konfermat ukoll mill-fatt li lill-esponent ma gew addebitati ebda wahda minn dawn l-imputazzjonijiet.

Illi ghalhekk, fl-ahjar ipotizi ghall-prosekuzzjoni, r-reat taht l-Artikolu 208AA(1) tal-Kap 9 setgha jirrizulta biss in kwantu kien jirrizulta li l-esponent, permezz ta' teknologija ta' informazzjoni u kommunikazzjoni, ppropona li jiltaqa ma persuna taht l-eta' bil-hsieb li jwettaq ir-reat ravvizat fl-Artikolu 204C.

Illi ghalhekk f'dan ir-rigward jigi rilevat is-segwenti:

a) Bid-dovut rispett lejn l-ewwel Qorti, l-ezercizzju li sar minnha dwar ir-retroattivita ta' dak introdott bl-Att XIII tal-2018 kien applikabbli ukoll f'dan il-kuntest. Dana qieghed jinghad ghaliex huwa neccessarjament inkonceppibli li l-Artikolu 204(C)(1) ghandhu elementi kostituttivi mod meta jinqara wahdu u elementi kostituttivi mod iehor meta moqri fil-kuntest tal-Artikolu 208AA(1).

b) Illi ghalhekk l-ezercizzju li kellu jsir kellu jkun li l-Qorti tifli l-provi u tara jirrizultax li l-esponent, permezz ta' teknologija ta' informazzjoni u kommunikazzjoni, ppropona li jiltaqa ma *Omissis* u *Omissis* bil-hsieb li jwettaq ir-reati ravvizati fl-Artikoli imsemmija fl-istess disposizzjoni.

   Illi fl-umili fehma tal-esponent tali ezercizzju kien neccessarjament jwassal sabiex l-ewwel Qorti tikkonkludi:

(i) Li fl-atti ma hemm ebda prova li saret xi proposta, hi x'inhi, permezz ta' teknologija ta' informazzjoni u kommunikazzjoni.

Bir-rispett id-dokumentazzjoni esebita mill-PS153 Lydon Zammit ma hija prova ta' xejn. Dan ix-xhud filwaqt li jaghmel riferenza ghall-*chats* li jghid li kienu fuq il-*mobile* tal-esponent u li jesebixxi ukoll l-istess, imkien ma jghidilna kif u fejn u b'liema metodu dawn gew estrapolati. Imkien ma dan ix-xhud jispjega kienx huwa stess li ghamel dan jew

haddiehor. Lanqas ma jirrizulta meta gew estrapolati u din il-prova tippekka fl-izjed elementi bazici tal-kuncett tac-*chain of evidence*.

Illi tabilhaqq l-esponent lanqas ma jista jifhem kif dan ix-xhud seta jottjeni din l-informazzjoni meta jigi kkunsidrat li fir-rapport tal-espert tekniku mahtur mill-ewwel Qorti id-Dok L26, ossija t-telefon cellulari tal-ghamla iPhone, ma kellux informazzjoni li setghet tigi estrapolata stante illi l-istess cellulari kellu *'screen lock'* (ara folio 394 tal-process).

Illi inoltre minn qari tad-deposizzjoni ta' *Omissis* a folio 212 u 213 nsibu sempliciment li l-esponent u x-xhud iltaqghu fuq Facebook u l-konversazzjoni li x-xhud isemmi zgur li ma twassalx ghall-estremi tal-elementi tar-reat kontemplat fl-Artikolu 208AA(1) tal-Kap 9.

(ii) Illi jekk ghall-grazzja tal-argument din l-Onorabbli Qorti taccetta li s-suppost *chats* esebiti mill-PS143 Lydon Zammit jissodisfaw lil din l-istess Qorti li ghandhom valur probatorju allura dan l-aggravju fil-verita' jissahhah fl-import tieghu. Dana qieghed jinghad ghaliex s-suppost konversazzjoni bejn dak li suppost huwa l-esponent flimkien ma dak li suppost huwa *Omissis* turi li se mai huwa dana tal-ahhar li qed jipproponi li jiltaqa mal-esponent u mhux bl-invers.

(iii) Illi finalment, in kwantu jirrigwarda x-xhud *Omissis* ir-rizultanzi processwali huma karenti minn kwaliasi forma ta' kommunikazzjoni bi kwaliasi mezz u tabilhaqq l-ewwel Qorti ma setghet qatt issib lill-esponent hati ta' din l-ewwel imputazzjoni in kwantu jirrigwarda dan ix-xhud.

2.) Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-ligi u tal-provi bil-konsegwenza li erronjament sabet lill-esponent hati tat-tieni imputazzjoni in kwantu jirrigwarda lil *Omissis*. Tabilhaqq anke jekk wiehed kellu jaccetta *in toto u a bocca bacciata* dak li jistqarr ix-xhud minn folio 208 sa folio 217 minn imkien ma

jirrizulta l-elementi tar-reat ravvizat fl-Artikolu 208AA(1) tal-Kap 9. Certament li tipprova ddahal idejk u s-suggett passiv iwaqqfek milli taghmel dan lanqas remotament ma jwassal ghall-participazzjoni f'attivitajiet sesswali kif previst fl-imsemmi Artikolu.

3.) Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-ligi u tal-provi bil-konsegwenza li erronjament sabet lill-esponent hati tat-tieni imputazzjoni in kwantu jirrigwarda x-xhud *Omissis*.

Illi fuq dan l-aggravju l-esponent jaghmel riferenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet ezawrenti pprezentata quddiem l-ewwel Qorti.

Ma dak sottomess f'din in-nota l-esponent izid li l-verzjoni moghtija minn dan ix-xhud tikkontrasta mad-deposizzjoni ta' *Omissis* (folio 171 et seq) minn fejn jirrizulta li dakinhar tal-akkadut l-attivita' sesswali sehhet bejn l-esponent u dan ix-xhud.

4.) Illi minghajr prejudizzju ghal dak fuq premess l-esponent qatt ma setgha jinstab hati tat-tieni imputazzjoni stante li huwa nieqes l-element formali tieghu. Mill-provi, in effetti, imkien ma jirrizulta li l-esponent kien jaf li *Omissis* u *Omissis* kellhom anqas minn sittax il-sena.

Tabilhaqq fil-kaz ta' *Omissis* l-esponent iltaqa mieghu tramite terza persuna li ghandha sbatax il-sena. Inoltre anke mill-fisjonomija u predisposizzjoni tieghu certament li ma jidhirx li ghandhu anqas minn sittax il-sena. Anke qari tad-deposizzjoni tieghu ma twasslekx biex tikkonkludi li ghandhom anqas minn sittax il-sena.

Illi jigi sottomess illi l-element formali tar-reat kontemplat fl-Artikolu 208C mhuwiex sempliciment li tkun trid tippartecipa f'attivita sesswali ma minuri. Jehtieg neccessarjament ukoll li tkun taf li s-suggett passiv huwa effettivament minuri.

5.) Illi minghajr prejudizzju ghal dak fuq premess il-piena fic-cirkostanzi kienet eccessiva. Fuq dan il-punt l-esponent jerga jaghmel riferenza ghal dik il-parti tan-nota ta' sottomissjonijiet li tirrigwarda l-piena u jabbracja l-punti tant pertinenti hemm sollevati.

Ma dak sottomess fl-insemmija nota l-esponent izid is-segwenti:

a.) L-Artikolu 208AA ghandhu bhala wiehed mill-elementi kostituttivi tieghu li l-inkontru li jsir ikun sar ghall-ghanijiet li jitwettqu r-reati hemm kontemplati.

Issa jsegwi ghalhekk illi jekk f'dan il-kaz ir-reat fl-Artikolu 204C ikun twettaq allura l-Artikolu 208AA ikun serva bhala mezz biex jitwettaq ir-reat taht l-Artikolu 204C.

b.) Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti, benche li ssemmi l-Artikolu 17 imkien ma tispjega jekk huwiex jigi applikat l-Artikolu 17(b) jew 17(h) tal-istess Artikolu. Anzi minn qari tas-sentenza l-konkluzjoni li wiehed jasal ghaliha hu propju li qed jigi applikat l-Artikolu 17(b).

c.) Ghalkemm il-paraguni huma odjuzi jibqa l-fatt li dan il-kaz huwa intrinsikament marbut mal-kaz ta' Raymond Buttigieg. Tabilhaqq tnissel minn investigazzjoni li tirrigwarda lilu. Qari tas-sentenza moghtija fil-konfront tieghu nhar it-18 ta' Jannar 2019 turi li dan gie kkundannat tlett snin prigunerija u dana minkejja li kellu aktar reati li gew addebitati lilu (ara f'dan is-sens Ir-Repubblika ta' Malta vs Darren Charles Desira, App. Superjuri deciz nhar il-31 ta' Mejju 2018).

Ikkunsidrat,

Illi in breve, l-fatti kienu s-segwenti:

1. Il-Pulizija Ezekuttiva rcevew informazzjoni minghand l-Interpol il-Germanja li kien hemm persuna li kienet 'ixxerjat' ritratti ta' minuri[1]. Din il-persuna ma kinitx l-imputat;

2. Minn investigazzjoni gew identifikati diversi nies li kienu qeghdin jixxerkjaw, jiccettjaw u jhajru u jmorru ghal attivitajiet sesswali mal-minuri. Fost dawn il-persuni li gew identifikati, kien hemm l-imputat[2];

3. L-imputat gie arrestat u saret tfittxija kemm fir-residenza tieghu fl-Imsida, Malta u anke fix-Xewkija, Ghawdex u gew elevati numru ta' oggetti[3];

4. Skont ix-xhieda ta' PS 153 Lydon Zammit kien hemm konversazzjonijiet fuq il-'messenger' bejn l-imputat u numru ta' guvintur;

5. Illi sussegwentement inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat.

Illi l-appell tal-appellant huwa bbazat fuq l-apprezzament tal-ligi u tal-provi in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni ravvizata fl-artikolu 208AA(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant jissottometti li filwaqt li dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Qorti sabet htija in kwantu tirrigwarda l-minuri kollha msemmija fl-akkuza, filwaqt li kien biss in kwantu t-tieni imputazzjoni li l-Ewwel Qorti dahlet fil-kwistjoni dwar it-tibdil legislattiv introdott bl-Att XIII tal-2018. Li skont l-appellant fl-ahjar ipotezi ghal prosekuzzjoni, ir-reat taht l-Artikolu 208AA(1) tal-Kapitolu 9 setgha jirrizulta biss in kwantu kien jirrizulta li l-appellant, permezz ta' teknologija ta' informazzjoni u kommunikazzjoni ppropona li jiltaqa ma persuna taht l-eta' bil-hsieb li jwettaq ir-reat ravvizat fl-Artikolu 204C. Ghalhekk skont l-appellant l-ezercizzju li sar mill-Qorti dwar ir-retroattivita ta' dak introdott bl-Att XIII tal-2018 kien applikabbli ukoll f'dan il-kuntest. Li skont l-appellant huwa necessarjament inkonceppibli li l-artikolu 204(C)(1)[4] ghandu elementi kostituttivi mod meta jinqara wahdu u elementi kostituttivi mod iehor meta moqri fil-kuntest tal-artikolu 208AA(1). Li skont l-appellant, l-ezercizzju li kellu jsir kellu jkun li l-Qorti tifli l-provi u tara jirrizultax li l-appellant permezz ta' teknologija ta' informazzjoni u kommunikazzjoni ppropona li jiltaqa ma' *Omissis* u *Omissis* bil-hsieb li jwettaq ir-reati ravvizati fl-artikoli imsemmija. L-appellant jaghmel

[1] Skont ix-xhieda ta' PS153 Lydon Zammit moghtija fis-26 ta' Lulju, 2016
[2] Skont ix-xhieda ta' PS153 Lydon Zammit moghtija fis-26 ta' Lulju, 2016
[3] Dawn l-oggetti gew ipprezentati minn PS 513 Lydon Zammit fis-26 ta' Lulju, 2016
[4] Din il-Qorti tifhem li l-appellant qieghed jaghmel referenza ghall-artikolu 204Ċ(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

sottomissjonijiet dwar in-nuqqas ta' chain of evidence fic-chats li gew pprezentati minn PS153 Lydon Zammit. In oltre', skont l-appellant, il-konverzazzjoni li x-xhud *Omissis* fid-deposizzjoni isemmi ma twassalx ghall-estremi tal-elementi tar-reat kontemplat fl-artikolu 208AA(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre' skont l-appellant jekk ic-chats esebiti minn PS143 Lydon Zammit jigu kkunsidrati bhala ta' valur probatorju, kien *Omissis* li kien jipproponi li jitlaqa mal-appellant u mhux bl-invers. Li skont l-appellant l-atti huma karenti minn kwalsiasi forma ta' kommunikazzjoni bi kwalsiasi mezz ghal dak li jirrigwarda x-xhud *Omissis*.

Din il-Qorti sejra tghaddi ghalhekk biex tikkunsidra l-ewwel imputazzjoni sabiex tiddeciedi jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment issib htija ta' din l-imputazzjoni u in oltre' f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkunsidra jekk dan huwiex rigwardanti l-allegati vittmi kollha li xehdu jew uhud minnhom.

L-Ewwel imputazzjoni taqra li '*F'dawn il-Gzejjer fis-17 ta' Lulju 2016 u fix-xhur u snin ta' qabel permezz ta' teknologija ta' informazzjoni u komunikazzjoni, ippropona li jiltaqa' ma persuna ta' taht l-eta' bil-ħsieb li jitwettaq xi reat taħt l-artikoli 204, 204A sa 204D it-tnejn inkluzi, u 208A u dik il-proposta giet segwita b'atti materjali li wasslu ghal dik il-laqgha.*'

Din il-Qorti sejra l-ewwel tqis x'kienu l-etajiet tal-allegati vittmi. *Omissis* li xehed fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) meta d-difiza saqsiet ghall-eta' il-Qorti wiegbet '*Qallek 17 fil-bidu saqsejtu jien...*' u li kien mar fl-appartament tal-imputat madwar xahrejn ilu. Huwa kkonferma li s-sess orali sehh xahrejn jew tlett xhur u li kellu sbatax (17) il-sena u anke meta l-imputat kien offrielu xoghol kellu sbatax (17)-il sena. Skont l-estratt tal-att ta' twelid ipprezentat a fol 164 immarkat bhala Dok JB1 *Omissis* twieled fl-erbgha (4) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998).

Omissis li xehed ukoll fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) kellu hmistax (15)-il sena meta xehed. Gialadarba jirrizulta li Omissis kien minuri u cioe' anqas minn sittax (16)-il sena meta sehhew l-allegati reat, din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li dan ix-xhud jallega li sehh mal-imputat. Huwa jghid li ltaqa mal-imputat il-Belt ghax l-imputat kien ikun mal-Hans u cioe' Alex Caruana jiehu cafe. Iltaqa mal-imputat darba Malta u darba Ghawdex. F'Ghawdex qal li kellu sess orali u cioe' li l-imputat '*Jerdahuli bil-Malti*' Dwar dan l-att jispjega ukoll li '*Ma gibtiex bil-Malti.*' Dak in-nhar Raymond Azzopardi offrielu xi hamsa u ghoxrin (25), tletin (30) ewro u kien

accettahom. Darba ohra grat Malta jahseb li r-Rabat fil-karozza u gara l-istess u offrielu ghoxrin (20) jew hamsa u ghoxrin (25) ewro. Skont l-estratt tal-Att ta' Twelid anness bhala JS1 a fol 243 Omissis twieled fit-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000).

*Omissis* li xehed fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016) jghid li ghandu sbatax (17)-il sena. Skont dan ix-xhud l-incident mal-imputat wara l-Lido u cioe' meta hu u tnejn ohra marru fl-appartament tal-imputat sehh fis-sajf meta kellu sittax (16)-il sena. Skont ic-certifikat tat-twelid a fol 247 u immarkat bhala JS5 *Omissis* twieled fl-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena elf, disa' mija u disgha disghin (1999).

*Omissis* fix-xhieda tieghu tal-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed li ghandu erbatax (14)-il sena. Stante li jirrizulta li dan ix-xhud kellu biss erbatax (14)-il sena meta sehh l-allegat incident, din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li dan ix-xhud xehed li gara. Huwa jghid li kien mar ikla, stidnu *Omissis* biex imur maghhom il-Lido ta' Sliema u niezlu jghumu u wara li niezlu kienu xi l-erbgha u nofs (4:30) kienu niezlu d-dar u fi kliem ix-xhud '*nsomma mbaghad qaghdna skuzi l-kelma qaghdna ngerruh flimkien.*' Jghid li ghamlu xi ghoxrin (20) minuta hemm gew u li imbaghad nizlu lura lejn iz-Zurrieq. Kienu hu, *Omissis* u wiehed ghandu tmintax (18)-il sena certu Josef. Lil *Omissis* waslu hdejn il-bieb u lix-xhud u iehor hdejn il-pjazza. Dwar x'gara fid-dettal id-dar tal-imputat, qal li l-ewwel offrielhom x'jixorbu u hadu soft drink imbaghad mar ibiddel fil-kamra tal-banju fejn il-kamra tas-sodda u hareg liebes normali jigifieri minn gol-kamra tal-banju u ghadu jistennew fuq is-sodda. Jghid li '*mbghad gie u tipo hareg bl-idea hekk li konna....*' jghid li kienu qishom ghadhom boloh u li allura ma tifhiemx. Mistoqsi '*Hareg bl-idea xiex x'qalilkom?*' wiegeb '*Li t-tlieta (3) ingerruh flimkien hekk.*' Xehed '*U nsomma qghadna ngerruh flimkien.*' Ikkonferma li kulhadd qaghad jimmasturba l-parti tieghu. Fil-kamra kienu hu, l-imputat, *Omissis* u Josef. Lil ohrajn jghid li rahom '*Igerruh lil xulxin*' izda ma ghandux idea min kien qieghed jimmasturba lil min. Ma kien hemm l-ebda kuntatt mal-imputat u l-imputat lanqas messu lilu. Misoqsi jekk kien hemm xi attivita' sesswali ohra qal li le. Dik l-unika darba li rah hu. Jahseb li l-Gzira l-appartament izda mhux cert, ma damux biex waslu minn Ta' Sliema. Jghid li baqghu kollha fl-istess kamra. Ikkonferma li meta bdew jimmasuturbaw baqghu sejrin sal-ahhar u mistoqsi jekk offrielhomx xi haga wara li lestew, qal li ta' ghoxrin ewro kull wiehed. Skont ic-certifikat tat-twelid a fol 248 u mmarkat bhala JS6 *Omissis* twieled fl-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002)

*Omissis* xehed fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn qal li dak iz-zmien kellu erbatax-il sena. Lil Pulizija kien qalilhom li ma ghamillu xejn l-imputat izda ghax beda jiddejjaq. Jghid li prova jdahhal idu fil-parti tieghu fi kliemu '*Prova jdahhal idu u dahhalha imma tlaqt.*' Ikkonferma li l-imputat gieli sellfu xi flus. Darba gie tifel habib tieghu mieghu u drabi l-ohra wahdu imma qatt ma pprova xejn. Sar jaf lill-imputat meta kien ikellmu Facebook u kien jarah il-Belt. Jghid li jahseb li mar hames (5) jew sitt (6) darbiet ghal dawra. Wara li prova jdahhal idejh fil-qalziet, qatt ma rega mar jiltaqa' mieghu. Dwar l-incident mistoqsi '*Jigifieri meta prova jdahhal idejh ma rnexxilux idahhal idejh ghax ma hallejtux hux hekk int?*' wiegeb '*Ehe, dahhalha u nehhejtielu.*' Sa hemmhekk wasal. Skont ic-certifikat tat-twelid a fol 245 u immarkat bhala JS3 *Omissis* twieled fis-sebgha (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u wiehed (2001).

*Omissis* li xehed fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u sitta (2016) xehed li ghandu sittax (16)-il sena. Sar jaf lill-imputat mill-Belt, kien pespes u kelmu xi darbtejn. Kien baghtlu fuq facebook, kien baghtlu darbtejn messagg fu facebook u t-tielet darba kellmu. L-appellant kien anke tah flokk u xi flus. Spjega li '*Hu qatt ma kien jghidli perezempju imxi ha naghmel hekk hekk u hekk, imma xi darba 'l hemm u 'l hawn kien jipprova jmissli saqajja.*' Spjega ukoll li '*jien kont innehihielu kien jaghmel sakemm johodni l-McDonald's u lura kien jaghmel in-nervi.* Il-bqija lili qat ma kien qalli isma' hekk hekk u hekk.' Spjega li '*Hemmhekk fejn Dicembru Tlettax (13), hemmhekk kien jipprova jmissli hawnekk, x'hin innehhilu idu jaghmel in-nervi sakemm nasal id-dar.*' *Omissis* skont ic-certifikat tat-twelid a fol 246 u mmarkat bhala JS4 twieled fil-hmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn (2000). Ma jirrizultax kjarament jekk dan ix-xhud kellux anqas minn sittax (16) il-sena meta ltaqa mal-imputat u sehh dak li rrakkonta.

Omissis li xehed fis-seduta tal-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016) qal li ghandu sbatax (17)-il sena. Spjega li kien baghtlu fuq facebook 'Hi, sabih kif inti?' li qallu '*rajt il-profile tieghek qalli u tidher vera hekk helu u hekk ferhan b'dawk l-affarijiet kollha.*' Spjega '*Qalli qieghed hawnhekk gol-aircondition imma xorta baqaghli s-shana.*' L-imputat qallu biex imorru sal-bahar u qallu biex jiltaqghu biex imorru ghal frisk u hekk ghamlu. Spjega li '*Ghamilli hawnhekk ara hawn il-frisk. Imbaghad ghamilli nista' mmissek xi ftit u jiena ghamiltu le ghidtlek diga' li affarijiet hekk mhux ha naghmilhom.Ghamilli u ijja qalli imma int ghidtli thoss is-shana, ghidtlu ija imma stenn ghidltu gejna ghall-frisk, mhux hekk ridt u dakinhar ghaddiet*' u waslu d-dar. Xehed ukoll li l-imputat darba hadu go dar ir-Rabat u saqsih biex jizfinlu u

zifen ghax qed jistudja z-zfin u kien bl-gharaq u '*qalli ara ghandek l-gharaq qalli tizloq naqra jekk immissek u hekk. Ghidtlu le tmissnix please..*' Jghid li l-imputat kien offrielu xi haga tal-flus u qallu le. Jghid li ghadu fuq il-bejt u kien saqsih jistax imissu u kien qabadlu '*tikka fuq ix-shoulder hawn u ghidtlu le,...*' Xehed ukoll li kien ghaddew xi tlett gimghat, erba' u kien daqt imissu jmur l-Ingilterra u qallu biex jiltaqghu u accetta. Kienu marru Marsalforn ghal Cafe u xtralu slush '*u beda sejjer allura kif inti sejjer fiz-zfin, affarijiet hekk. Imbaghad x'hin xorob il-kafe' u kollox xrobnih u qisu beda taparsi jibda jmissni u nerga' nghidlu jien naghmillu tista' please vera ma tmissniex. Dak it-tip okay issa halliha. Imbaghad ghamilli imma qed nghidlek mhu ha naghmillek xejn specjali lanqas ma jien ha nweggghek jew hekk..*' Jghid li l-imputat kien offrilu ghoxrin (20) ewro u dan ix-xhud qallu li se jitlaq bil-miexi u wara accetta li jwaslu lura x'imkien ir-Rabat. Jghid li l-aktar li ltaqghu kien fis-sajf tas-sena elfejn u hmistax (2015). Dwar meta kienu fid-dar tar-Rabat dwar meta hall ic-cinturin l-imputat spjega li '*qisu dak it-tip beda jpoggi jdejh gol-qalziet ta' taht biex johorgu u hekk u jien bqajt nghidlu ghidtlu tipprova ghax jien xorta mhu ha nipprova naghmollek xejn..*' Skont ic-certifikat tat-twelid ipprezentat a fol 244 u mmarkat bhala JS2 Omissis twieled fit-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elf, disa' mija u disgha u disghin (1999).

Kevin Bugeja li xehed fit-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed li ghandu sebgha u ghoxrin (27) sena u li meta kellu sbatax (17)-il sena kien iltaqa' mal-appellant fejn tah il-facebook u numru tieghu u kien joqghod icempillu biex jiltaqhu. Jghid li l-appellant kien jghidlu biex jiltaqghu biex jaghmel atti sesswai mieghu u li ghall-ewwel ma accettax izda mbaghad darba kkien broke u offrielu xi haga u accetta. Kien offrielu sebghin (70) ewro. Jghid li kien '*Jerda*' jigifieri l-appellant fuq ix-xhud. Ikkonferma in kontro-ezami li bejn meta kellu sbatax (17)-il sena u tmintax (18) kellhom attivita sesswali u li '*Wara 18 hemm bizibilju*'.

Ghalhekk jirrizulta li Omissis, *Omissis* u *Omissis* kellhom anqas minn sittax (16) il-sena meta ltaqghu mal-imputat u cioe' hmistax (15), erbatax (14) u erbatax (14)-il sena rispettivament. L-artikolu 208AA(1) meta sehhew l-allegati reati kien jaqra:

'*Kull min, permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni, jipproponi li jiltaqa' ma persuna ta' taħt l-età bil- ħsieb li jitwettaq xi reat taħt l-artikoli 204, 204A sa 204D it-tnejn inklużi, u 208A, jista', meta l-proposta tkun segwita b'atti materjali li jwasslu għal dik il-laqgħa, jeħel, li jwasslu għal dik il-laqgħa, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sentejn sa ħames snin.*'

Illum il-gurnata dan l-artikolu jaqra:

*(1) Kull min, permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni, jipproponi li jiltaqa' ma persuna ta' taħt l-età bil-ħsieb li jitwettaq xi reat taħt l-artikoli 204, 204A sa 204D it-tnejn inklużi, u 208A, jista', meta l-proposta tkun segwita b'atti materjali li jwasslu għal dik il-laqgħa, jeħel, li jwasslu għal dik il-laqgħa,meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet snin sa sitt snin.'*

Dan ir-reat ghalhekk isehh meta persuna permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni tiproponi li tiltaqa' ma persuni ta' taht l-eta bil-hsieb li jitwettaq xi reat taht l-artikoli 204, 204A sa 204D u 208A u meta l-proposta tkun segwita b'atti materjali. In vista tal-provi mressqa, kif tajjeb issottometta l-appellant, ir-reat taht l-artikolu 208AA(1) tal-Kapitolu 9 setgha jirrizulta biss in kwantu jirrizulta li l-appellant permezz ta' teknologija ta' informazzjoni u kommunikazzjoni ppropona li jsir ir-reat ravvizat fl-artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jirrizulta li filwaqt li l-artikolu 204Ċ(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta sehh ir-reat kien jaqra s-segwenti:

'*Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-età jista', meta jinsab ħati, jeħel prigunerija għal zmien mhux izjed minn ħames snin, bir-rekluzjoni jew mingħajrha.*'

Illum il-gurnata u cioe' wara l-emendi permezz tal-Att XIII tal-2018 dan l-artikolu u cioe' 204Ċ(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie sostitwit bis-segwenti:

'*Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma'persuna ta' taħt is-sittax-il sena jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta'priġunerija minn ħames snin sa għaxar snin.*'

Ghalhekk jirrizulta li mhux biss kien hemm tibdil fil-piena li naturalment fil-kaz odjern tapplika dik ta' meta sehh ir-reat izda kien hemm tibdil f'element principali li jikkostitwixxi r-reat ikkontemplat taht l-artikolu 204Ċ(1) u cioe' l-eta' ta' taht is-sittax (16)-il sena u ghalhekk partecipazzjoni f'attivita sesswali konsenswali ma persuni ta' sittax (16) il-sena l-fuq ma baqax reat.

Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-appellant li gialadarba f'dan il-kaz partikolari, l-artikolu 208AA tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa abbinat mal-artikolu 204Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex ir-reat taht l-artikolu 208AA tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jissussisti kellu jigi ppruvat li l-appellant permezz ta' teknologija ta'

informazzjoni u kommunikazzjoni ppropona li jiltaqa' ma persuni ta' taht l-eta' u cioe' persuni ta' taht is-sittax (16) il-sena. F'dan il-kaz, *Omissis* u *Omissis* li dak iz-zmien kellhom l-eta' ta' erbatax (14) il-sena u Omissis meta xehed kellu hmistax (15)-il sena u ghalhekk meta sehhew l-allegati atti kien minuri u ghalhekk sabiex jissusisti dan ir-reat, il-Qorti kellha tikkunsidra jekk l-appellant ghamilx uzu ta' teknologija ta' informazzjoni u kommunikazzjoni fejn ippropona biex jiltaqa' ma' f'dan il-kaz *Omissis*, *Omissis* u Omissis bil-hsieb li jwettaq ir-reat taht l-artikolu 204Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

PS153 Lydon Zammit fix-xhieda tieghu tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) ipprezenta bhal speci ta' screen shots ta' konverzazzjoni bejn '*Omissis* Gojja' u 'Raymond Azzopardi'. Din tinsab a fol 107 et sequitur immarkata bhala LZ15. A fol 109 et sequitur hemm anke konverzazzjoni bit-titolu tad-dokument jaqra '*Omissis*' u fejn hemm konverzazzjoni bejn '*Omissis* Gojja' u 'Raymond Azzopardi' b'hinijiet u dati. F'din il-konverzazzjoni jirrizulta li kienu jftehmnu biex jiltaqghu, biex Raymond Azzopardi jghaddi ghal *Omissis*, fejn '*Omissis* Gojja' kien anke jghid lil Raymond Azzopardi biex jghaddi ghalih. *Omissis* Gojja jikteb '*Okey tigiex tard ax bhalissa ikunem in nies uek Xhin tasal Ajdli ha nitlaq*'. *Omissis* Gojja skont din il-konverzazzjoni kien anke jitlob lill-appellant jaghtih xi flus diversi drabi. Jirrizulta li hemm insistenza kbira da parti tal-appellant f'din il-konverzazzjoni u cioe' hafna mistoqsija bhal '*Kif int*', '*Kif int sihbi??*' "*Kif int ??*" "*Kif int sihbi kemm ilek ma tkelimni ftit ???*'

Fir-rigward ta' *Omissis* ma giet ipprezentata l-ebda kopja ta' kommunikazzjoni bejn l-appellant u dan *Omissis*. Jirrizulta izda li dan *Omissis* kien iltaqa' mal-appellant tramite habib tieghu u cioe' *Omissis* li xehed li kien jitkellem mal-appellant fuq Facebook u fejn sussegwentement mar il-Lido mal-appellant, *Omissis* u certu Josef. *Omissis* li xehed fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed li ghandu sbatax (17)-il sena u lill-imputat kien jarah il-Belt meta jitla l-Belt ma shabu u spjega '*Dana hemmhekk kont nara lilu, imma ma nafx cert fejn kont inkellmu facebook jiena dak, imma ma nafx kif kienet giet il-x'jisimha l-kelma ghax ahna konna ghidnielu ghall-iSplash and Fun konna, imma hu qalilna ghandna t-tickets, ghandi t-tickets hu qalilna ghal-Lido.*' Kienu marru hu u Josef u jghid li *Omissis* gie bl-Arriva. Wara l-pool qalilhom biex imorru d-dar tieghu li jghid li hija hdejn is-skate park hdejn Mater Dei. Jispjega li l-imputat dahal jinhasel u ma harigx arwien '*Hu qal, qal l-ewwel qalilna hu, ahna hawn qalilna inzghu s'hawnhekk.*' Jghid li kienu '*Bix-shorts*',

jghid li '*Ma nafx li inzajna gharwenin konna.*' Jghid '*Imbaghad minn hemm, hemm intfajna t-tlieta (3) jien naha, l-iehor ohra u ghandu jkun wiehed hdejh.*' Kienu tlieta u bih kienu erbgha. Kienu hu, Josef, *Omissis* u Raymond. Jghid li '*Imbaghad dan hemm x'jismu tieghi dahlu f'halqu huwa.*' Jispjega li dahhal il-parti tieghu f'halq l-imputat u li jassumi li tal-ohrajn ukoll jghid li '*Jien l-istess nahseb, mhux nahseb cert, zgur.*' Jghid li '*U mbaghad hawn x'hin gibniha ahna hemm x'jismu hawn kien lest. Jien kont hrigt imbaghad mill-bieb tal-kamra.*' Jghid li '*qalli stennina gol-kcina ghax l-ohrajn kienu ghadhom mhux lesti.*' Jghid li kien taghhom ghaxar (10) ewro kull wiehed. Huwa kellu sittax (16) il-sena meta grat din. Ghalhekk jirrizulta li *Omissis* li kien minuri taht is-sittax (16) il-sena iltaqa mal-appellant tramite dan *Omissis*. Il-konverzazzjoni ta' bejn *Omissis* u l-appellant izda baqghet ma gietx ipprezentata u ghalhekk ma giex stabbilit jekk l-appellant ikkomunikax ma' *Omissis* tramite teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni u pproponiex li jiltaqa' ma persuni ta' taht l-eta' fosthom *Omissis*.

Qabel ma tqis jekk l-ewwel Qorti kinitx korretta li ssib htija tal-ewwel imputazzjoni, sejra tqis is-sottomissjoni tal-appellant maghmulha mill-appellant fl-appell tieghu dwar il-prova tad-dokumentazzjoni esebita minn PS153 Lydon Zammit li skont l-appellant ma hija prova ta' xejn.

Ikkunsidrat;

Illi PS153 Lydon Zammit fix-xhieda tieghu moghtija fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) jispjega li gew elevati numru ta' oggetti mit-tfittixija li saret fir-residenza Triq L-Isqof Caruana l-Imsida fosthom ipad. Fir-residenza fil-God Bless Australia, Triq ic-Canga, ix-Xewkija li hija r-residenza ta' missier l-imputat izda li indikalhom fejn kien kien hemm hewejjeg go Kercem instabu '*DVD Teen Boys in XXX gay action, cd, cd iehor, several papers u envelopes, dawn kollha Ghawdex. Issa fl-appartament tal-Imsida nstab iphone, envelope bl-affarijeit tal-keys kienu ta' diversi appartamenti li hu xoghlu li dawk regghu nghataw lil familjari tieghu, il-Black Nokia kellu u nstab ukoll ipad f' pocket blu. Minn din il-lista c-cwievet biss m' hemmx ghax reghhu nghataw lil familjari tieghu.*' Huwa spjega li '*Mill-mobile tieghu u specjalment mill-Messenger instab divrsi chats ma' zghazagh li mbaghad gew identifikati li huma kollha minors fosthom hawn ic-chat ma' certu wiehed Omissis. Fuq il-Messenger qieghed bhala Omissis gojja, dawn wara l-investigazzjoni li bdiet fuq il-messages tieghu...*' In kontro-ezami jikkonferma li l-imputat kien dejjem prezenti fit-tlett residenzi u ghalhekk meta gie levat l-apparat. Ghalhekk ghalkemm PS 153 Lydon

Zammit ghalhekk ghalkemm xehed dwar li c-chats ittiehdu mill-mobile tal-imputat, specjalment minn messenger, huwa ma spjegax kif ic-chats gew estrapolati minn fuq l-apparat. L-appellant fl-appell tieghu jissottometti li dan ix-xhud imkien ma jghid kif u fejn u b'liema metodu gew estrapolati, li ma jispjegax jekk kienx huwa stess li ghamel dan jew haddiehor. Skont l-appellant lanqas ma jirrizulta meta gew estrapolat u din il-prova tippekka fl-izjed elementi bazici tal-kuncett tac-*chain of evidence*.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta vs Fodie Keita'**[5] gie kkunsidrat li:

**'17.** *Sejra taghmel dan kollu kemm ghar-retta amministrazzjoni tal- gustizzja, kif ukoll sabiex l-appellant ma jkunx imcahhad mill-jedd ghal smigh xieraq skont il-ligi. L-ghan ewlieni ta' kull qorti ta' gustizzja penali huwa li tara illi l-akkuzat ikollu smigh xieraq. Meta process penali jwassal ghal dikjarazzjoni ta' htija msejsa fuq evidenza kontaminata, il-jedd ghal smigh xieraq ikun qed jigi vjolat. Madanakollu sabiex il-Qorti tasal biex tistabilixxi l-validita' tal-prova kostitwita b`dik l-evidenza jrid isir ezami tal-iter segwiet mill-mument illi dik il-prova ndizzjarja titfacca fil-kors tal- investigazzjoni tal-pulizija, kif u minn min tkun giet elevata, kif tkun giet ippreservata u sussegwentement min ghamel l-ezamijiet forensici fuqha u b'liema mod, sabiex fl-ahhar issib postha quddiem il-Qorti.*

**18.** *Dan ghaliex:*

***Wherever he steps, whatever he touches, whatever he leaves, even unconsciously, will serve as silent evidence against him. Not only his fingerprints or his footprints, but his hair, the fibres from his clothes, the glass he breaks, the tool mark he leaves, the paint he scratches, the blood or semen he deposits or collects - all these and more bear mute witness against him. This is evidence that does not forget. It is not confused by the excitement of the moment. It is not absent because human witnesses are. It is factual evidence. Physical evidence cannot be wrong; it cannot perjure itself; it cannot be wholly absent. Only its interpretation can err. Only human failure to find it, study and understand it, can diminish its value. (Kirk, Paul, Crime investigation, John Wiley & Sons Canada, Limited, 1953).***

***However, the value of even the most carefully recovered and preserved evidence can be lost if the chain-of-custody is not properly maintained. "Chain-of-custody" is often***

[5] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fit-30 ta' Jannar, 2019 (Att ta' Akkuza numru: 4/2015)

***recognized as the weak link in criminal investigations. It refers to the chronological and careful documentation of evidence to establish its connection to an alleged crime. From the beginning to the end of the forensic process, it is crucial to be able to demonstrate every single step undertaken to ensure "traceability" and "continuity" of the evidence from the crime scene to the courtroom.***[6]

**19**. *Illi l-Qorti ghalhekk gharblet b`reqqa l-atti tal-kawza, u dan mill- mument li bdiet l-investigazzjoni mill-pulizija meta nstab il-kadavru ta' Diabate, segwita mill-inkjesta magisterjali, matul l-Istruttorja sal-mument illi gie celebrat il-guri. Ghamlet hekk sabiex tiddetermina c-chain of custody tat-telefon cellulari tal-appellant, u dan ghaliex huwa fuq dan l- apparat telefoniku minn fost is-seba' mobile phones li gew elevati mill- pussess tal-appellant illi fuqu tistrieh il-kontestazzjoni tad-difiza.'*

A fol 118 u mmarkata bhala Dok LZ16 gietipprezentata ircevuta tal-oggetti elevati b'dettalji fosthom l-indirizz minn fejn gew eevati u anke il-post fl-imsemmi indirizz per ezempju 'From Computer desk under the stairs'. Din l-ircevuta hija iffirmata mill-Ispettur Joseph Busuttil, PS 153 Lydon Zammit u anke l-imputat Raymond Azzopardi. WPS 94 Claire Casha xehdet fil-hmistax (15) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016) dwar it-tfittxijiet li saru f'proprjeta' Malta u tnejn Ghawdex u dwar l-oggetti li gew elevati. It-tfittxija saret minn WPC 89 u minn PC 276. Ghalhekk il-kwistjoni mhijiex dwar kif l-oggetti esebiti mill-Pulizija gew elevati u cioe x'sehh wara f'dak imsejjah ic-chain of custody, izda l-kwistjoni kollha hija kif il-konverzazzjonijiet ossia chats ipprezentati minn PS 153 Lydon zammit gew estrapolati, meta u minn min. Filfatt fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) gew prezentati minn PS 513 Lydon zammit mhux biss l-oggetti elevati kif ndikati fil-verbal tal-imsemmija seduta izda anke lista tal-oggetti esebiti u cioe' l-ircevuta. Ghalhekk gie ippruvat mhux biss li l-oggetti gew elevati mir-residenzi izda dawn l-oggetti gew anke ipprezentati quddiem il-Qorti. Il-kwistjoni hija ohra izda, l-appellant jissottometti li ma hemmx spjegat il-metodu kif dawn ic-chats gew estrapolati, ma hemm spjegat kienx PS 153 Lydon Zammit jew

[6] www.unodc.org/documents/scientific/Crime_scene_awareness__Ebook.pdf - Crime scene and physical evidence awareness for non-forensic personnel - United Nations Office on drugs and crime (2009) (Din ir-referenza tinsab fit-tieni (2) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

haddiehor u lanqas meta u ghalhekk skont l-appellant din il-prova tipekka fl-izjed elementi bazici tal-kuncett tac-chain of evicence.

Il-livell ta' prova li l-Prosekuzzjoni trid tilhaq fil-kamp penali huwa dak ta' minghajr dubju dettat mir-raguni fejn ghandha tigi pprezentata l-ahjar prova. Il-Prosekuzzjoi kellha ghalhekk taghmel prova ta' kif u come gew estrapolati c-chats ipprezentati. Fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) il-Prosekuzzjoni talbet li jinhatar espert tal-IT sabiex jezamina l-apparat u jirrelata dwar il-kontenut tieghu. Il-Qorti kienet laqghet it-talba u hatret lil Dr Steven Farrugia Sacco. Fl-istess verbal, il-Qorti idderigiet lil expert li l-ezami tal-kontenut tal-apparat ghandu jkun b'riferenza ghall-ewwel imputazzjoni.

L-Espert Dr Steven Farrugia Sacco li xehed fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed fost affarijiet ohra li hass li ma rrizulta xejn pertinenti ghal hatra tieghu. Li filwaqt li kien hemm materjal pronografiku ta' generu kemm etero sesswali u anke omoseswali, huwa ma rriskontrax data pertinenti mal-hatra tieghu kif dedotta. Huwa spjega ukoll li l-esebiti LZ6 sa LZ8 kienu password protected u ghalhekk ma kienx hemm access ghall-informazzjoni fuq l-esebit.[7] Ghalhekk din il-Qorti qieghda tifhem li l-fatt li certu apparati kienu password protected setghet kienet ir-raguni li l-espert mahtur mill-Qorti ma sab xejn pertinenti ghal hatra tieghu. Ghalhekk din il-Qorti ma tqis ic-chats prezentat minn PS 513 Lydon Zammit bhala l-ahjar prova u in oltre tqis li l-fatt ma jirrizultax kif gew estrapolati d-data u cioe' c-chats minn fuq l-esebiti ma jirrispettax il-principju ta' *chain of evidence*. In oltre', din il-Qorti zzid li l-Prosekuzzjoni kellha titlob lix-xhieda sabiex jikkonfermaw jekk jaghrfux ic-chats prezentati, filfatt ghalkemm *Omissis* jirrizulta li gie mistoqsi u kkonferma li d-dokument LZ 14 muri lilu kien chat, xhieda ohra fosthom *Omissis* u Omissis ma gewx mitluba jikkonfermaw jekk ic-chats ipprezentati humiex taghhom u cioe' jarfuhomx. Filfatt ghalkemm per ezempju a fol 101 bhaa LZ13 gew ipprezentati bhal screen shots fejn tidher korrispondenza bejn Raymond Azzopardi u certu Omissis fejn Omissis jitlob il-flus u jghid ukoll '*Al bzonn isibni int lol*', Omissis ma giex mitlub jikkonferma jekk dik il-konverzazzjoni kinitx tieghu bhal kif lanqas *Omissis* ma gie mitlub jaghmel dan. Dan fil-fehma ta' din il-Qorti huwa

[7] Mir-relazzjoni ta' dan l-espert jirrizulta li Dok. LZ6 u cioe' 'White iPhone Model A1586' u Dok. LZ8 u cioe' 'White Ipad in blue cover' kienu fuq screen lock.

nuqqas kbir da parti tal-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni u li ghandha tressaq l-ahjar prova.

Din il-Qorti izda tqis li mhuwiex bizzejjed li xhieda fosthom jikkonfermaw li l-imputat ikkomunika maghhom tramite per ezempju facebook, izda kellu jkun hemm konferma li l-konverzazzjonijiet esebiti kienu dawk bejn il-minuri li xehdu u l-appellant u li jkun hemm prova cara ta' kif dawn il-konverzazzjonijiet gew estrapolati. Il-fatt li dak li xehdu huwa simili ghal kontenut tac-chats ma huwiex bizzejjed. In oltre', ghalkemm l-appellant fl-istqarrija tieghu gie mistoqsi dwar konverzazzjoni minn fuq il-messenger fil-mobile tieghu, kellu anke jkun hemm prova cara li l-konverzazzjonijiet li l-Prosekuturi jirreferu ghalihom waqt it-tehid tal-istqarrija hija l-istess konverzazzjoni prezentata fl-atti. Din il-Qorti la darba qieghda taghmel referenza ghall-istqarrija pprezentata tippreciza li ghalkemm l-appellant ma jirrizultax li kellu Avukat prezenti matul l-interrogazzjoni izda li skont dak li jirrizulta mill-istqarrija, l-appellant ikkomunika mal-Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija, ma jirrizultax li l-appellant qieghed jikkontesta l-ammissibilta' tal-istqarrija bhala prova. Ghalhekk din il-Qorti tqisha bhala ammissibli. Din il-Qorti ghalhekk tqis li fl-istqarrija, l-appellant gie moqri ftit minn dawn il-konverzazzjonijiet, filfatt l-Ispettur Joseph Busuttil isaqsi jekk l-imputat qieghed jaghraf il-mobile tieghu u kemm l-Ispettur Joseph Busuttil u anke is-Surgent Lydon 153 isaqsuh dwar konverzazzjonijiet fuq il-messenger izda dawn mhux biss ma gewx moqrija fl-intier taghhom izda lanqas ma jista' jkun hemm konferma fuq il-livell ta' prova rikjest fil-kamp penali li c-chats indikati fl-istqarrija huma ezattament dawk ipprezentati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti ghalhekk mhijiex sejra tqis il-konverzazzjonijiet u screenshots ipprezentati minn PS 143 Lydon Zammit u ghalhekk ma jirrizultax sodisfacement ippruvat li l-appellant permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni ippropona li jiltaqa' ma persuni ta' taht l-eta sabiex iwettaq xi reat taht l-artikoli 204, 204A sa 204D u 208A, din il-Qorti sejra tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti sabet htija tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Ili l-appellant dwar it-tieni imputazzjoni jissottometti li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-ligi u tal-provi bil-konsewegwenza li sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni in kwantu jirrigwarda lil *Omissis*. L-appellant jissottometti li minn

dak li stqar ix-xhud minn imkien ma jirrizulta l-element tar-reat ravizat fl-artikolu 208AA(1) tal-Kapitolu 9. Jissottometti li tipprova ddahal idejk u s-suggett passiv iwaqqfek milli taghmel dan lanqas remotament ma jwassal ghal partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali kif previst fl-imsemmi artikolu. L-appellant jissottometti ukoll li l-Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-ligi u tal-provi bil-konsegwenza li erronjament sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni in kwantu jirrigwarda x-xhud *Omissis*. L-appellant jissottometti ukoll li l-element formali huwa nieqes, li min imkien ma jirrizulta li l-appellant kien jaf li *Omissis* u *Omissis* kellhom anqas minn sittax il-sena. Li fil-kaz ta' *Omissis* l-appellant iltaqa mieghu tramite terza persuna li ghandha sbatax il-sena. Skont l-appellant anke mill-fisjonomija u predisposizzjoni tieghu certament li ma jidhirx li ghandu anqas minn sittax-il sena u li anke qari tad-deposizzjoni tieghu ma twasslekx biex tikkonkludi li ghandhom anqas minn sittax-il sena.

It-tieni imputazzjoni taqra '*Aktar talli fl-istess cirkostanzi ippartecipa f' attivitajiet sesswali ma' persuni taht l-eta' u cioe' Omissis minuri ta' 15 il-sena, Omissis minuri ta' 16 il-sena, Omissis minuri ta' 17 il-sena u Omissis minuri ta' 14 il-sena.*' Din l-imputazzjoni ma ssemmiex lil minuri Omissis u l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni in kwantu hija riferribbli biss ghal *Omissis* u *Omissis* u ghalhekk din il-Qorti sejra tillimita ruhha ghal dawn iz-zewg minuri u ghalhekk gialadarba s-sentenza ma gietx appellata mill-Avukat Generali, mhijiex sejra tqis jekk ir-reat jirrizultax kontra l-appellant rigwardanti l-vittma Omissis minkejja li meta xehed kellu hmistax (15)-il sena. *Omissis* li xehed fis-seduta tal-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed li kienu marru l-Lido ta' Sliema, kielu u mbaghad niezlu jghumu fil-pool. Kienu hu, *Omissis* li stiednu jmur mahhom u certu Josef. Sussegwentement marru d-dar tal-appellant fi kliemu '*U nsomma mbaghad qaghdna skuzi l-kelma qaghdna ngerruh flimkien*.' Jikkonferma li kulhadd immasturba l-parti tieghu. Fil-kamra kienu hu, Raymond Azzopardi, *Omissis* u Josef. Jghid li l-ohrajn rahom '*Igerruh lil xulxin*' izda ma jafx min lil min. Hu ma kellu l-ebda kuntatt mal-imputat u ma ra l-ebda attivita' sesswali ohra. Ghalhekk minkejja li *Omissis* xehed li huwa kien dahhal il-parti tieghu f'halq l-imputat u li jahseb jew cert li l-ohrajn ghamlu l-istess, dan ix-xhud u cioe' *Omissis* meta mistoqsi jekk rax xi attivita sesswali ohra jghid li le. Jirrizulta ukoll li filwaqt li *Omissis* jghid li l-appellant taghhom ghaxar (10) ewro kull wiehed, *Omissis* jghid li l-appellant taghhom ghoxrin (20) ewro kull wiehed.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tillimita l-kunsiderazzjonijiet taghha dwar dak li xehed *Omissis* u cioe' li l-appellant hareg bl-idea li '*t-tlieta (3) ingerruh flimkien hekk.*' u cioe' li t-tlett guvnotti wiehed ta' sittax (16), tmintax (18) u dan ta' erbatax (14) jimmasturbaw il-parti taghhom flimkien tfissirx li l-appellant ippartecipa f'attivita sesswali ma persuna ta' taht l-eta'. Mix-xhieda ta' dan *Omissis* ghalkemm jirrizulta li l-appellant kien prezenti waqt li bdew jimmasturbaw lilhom infushom, ma jirrizultax jekk l-appellant kienx qieghed jimmasturba fil-prezenza taghhom ukoll. Il-ligi fl-artikolu 204Ċ(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tipprovdi li '*Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt is-sittax-il sena jeħel..*' u ghalhekk il-ligi titkellem dwar partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali u cioe' li l-imputat ikun ippartecipa, ghalhekk l-appellant jehtieg li jkollu rwoll attiv sabiex dan ir-reat jissussisti. Din il-Qorti ghalhekk trid tqis jekk il-fatt li l-appellant talab lil dawn it-tlett persuni inkluz lil minuri *Omissis* biex jimmasturbaw flimkien kienx qieghed jippartecipa anke jekk skont dak li xehed *Omissis* ma kien hemm l-ebda kuntatt bejn l-appellant u dan *Omissis* ghajr li l-appellant talabhom li t-tlieta li huma jimmasturabw lilhom infushom u li jghid li l-ohrajn immasturbaw lil xulxin ghalkemm ma jafx min lil min. L-appellant fl-appell tieghu jaghmel referenza ghan-nota ta' sottomissjonijeit fejn fost affarijiet ohra jghid li '*fl-ebda hin ma ppartecipa f'attivita sesswali mal-minuri izda kien il-minuri illi mmasturba lilu nnifsu fil-presenza tal-esponent u ta' minuri ohra minghajr lanqas biss l-esponent missu jew ghamel xi haga ohra.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs. Raisa Mangion'**[8] gie kkunsidrat li:

'*Il-ligi ma taghtix definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi attivitajiet sesswali pero' huwa maghruf li dawn l-atti jrid ikollhom bhala minimu certu element ta' sess sabiex l-atti jissejhu attivitajiet sesswali u ghalhekk m'hemmx dubju li ghandu jkun hemm l-uzu ta' l-organi sesswali tal-persuni nvoluti fir-relazzjoni. Ghalhekk mhux kwalsiasi att bejn zewg minn nies f'relazzjoni tista tissejjah attivita sesswali bhal per ezempju tghanniqa jew koppja lambranzetta, jew addirittura 'flirting' ma jistax jissejjah attivita sesswali.*'

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal-laqgha tal-hdax (11) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) tal-Kumitat Permanenti ghall-Kunsiderazzjoni ta' abbozzi ta' ligi meta

[8] Decided by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature on the 23rd July, 2014 (1081/2013)

kienet qieghda tigi diskussa iz-zieda tal-Artikolu 204C fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn fost diskussjonijiet ohra dak iz-zmien l-Onorevoli Tonio Borg qal:

' *It-204C tgħid hekk:*

*"Participation in sexual activities with persons under age.".*

*Dawn huma rikjesti sabiex inkunu nistgħu nirratifikaw il-protokoll mhux obbligatorju tal-konvenzjoni tal-United Nations fuq id-drittijiet tat-tfal, il–bejgħ ta' tfal, il-kustodja tat-tfal u l-pornografija tat-tfal kif ukoll il-framework decision ta' l-2003 ta' l-Unjoni Ewropea dwar sexual exploitation of children and child pornography. Hawnhekk kienet tqajjmet kwestjoni fuq sexual activity x'inhi. Jiena fittixt il-convention u nista' ngħid li m'hemmx definizzjoni. L-unika ħaġa meta tfittex il-convention, is-sexual activity pjuttost tintuża bħala l-aggravju.*

*Jiena qed ngħid dan għax aħna diġa' għandna r-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni. Allura issa x'se jiġri? Se ntellgħuh taħt it-204C? Meta qed ngħid sexual activity qed ngħid li llum korruzzjoni ta' minorenni teżisti wkoll – id-defilement of minors – anke jekk turi oġġett pornografiku lil xi ħadd taħt l-eta' u anke jekk m'hemmx kuntatt fiżiku. Dak huwa korruzzjoni ta' minorenni. Issa hawn sexual activity hija iktar restrittiva minn defilement għax ma naħsibx li turi oġġett pornografiku huwa sexual activity.*

*Forsi l-avukat ġenerali jista' jintervjeni bil-permess tal-Kamra.*

***ONOR. GAVIN GULIA:*** *Qabel jintervjeni. Jiena dan il-punt kont semmejtu għax peress li t-204C fejn issemmi l-attivitajiet sesswali ġġorr magħha piena li hija inqas mill-pieni li qegħdin iġorru reati aktar speċifiċi li ma jmorrux ....(Interruzzjonijiet) Id-difiża tipprova tagħmel mezz li l-att li qed jiġi sindakat jiġi jaqa' taħt l-attivitajiet sesswali biex jiksbu piena inqas gravuża mill-pieni stabiliti fuq reati aktar speċifiċi. Qed ngħid dan li ma jmurx inkunu qegħdin nagħmlu xi ħaġa li flok inkunu qegħdin niġġieldu aktar il-kriminalita' f'dan il-qasam inkunu qed indgħajfu. Qed inqajjem dan il-punt għax il-kelma "attivitajiet sesswali" hija xi ftit jew wisq wiesa'.*

***THE CHAIRMAN:*** *L-Avukat Ġenerali.*

***DR. SILVIO CAMILLERI (Avukat Ġenerali):*** *M'għandix dubji li d-diffikultajiet li qed jissemmew huma diffikultajiet reali li anke mill-uffiċċju tiegħi ppreokkupawna ftit sakemm ġejna biex niddeċiedu x'forma għandna nagħtu lil dawn l-emendi.*

*Pero` finalment, per eżempju, jekk tieħu l-korruzzjoni ta' minuri, illum l-iktar ġurisprudenza riċenti li konstantament qed tiġi segwita hi fis-sens li mhux neċessarjament li jkollok attivita'*

*sesswali ma' minuri. L-aktar ġurisprudenza riċenti tgħid li jekk il-minuri kienet diġa' assolutament korrotta, allura m'hemmx ir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri. B'dan ir-reat anke jekk hija assolutament korrotta allura għandu jirriżulta dan ir-reat. Mela jista' assolutament ma jirriżultalix ir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri għaliex il-minuri kienet diġa' korrotta. Pero' jekk jirriżultalha li kien hemm l-elementi ta' dan ir-reat fis-sens ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali fuq persuna taħt l-eta', dak ir-reat jista' jirriżulta dan flok l-ieħor. Jiġifieri m'humiex preċiżament koinċidenti fl-elementi tagħhom.*

*Fi kwalunkwe każ imbagħad japplikaw xorta waħda l-prinċipji legali dwar l-assorbiment tar-reati u konkors formali ta' reati, japplika ukoll l-artiklu 17 tal-Kodiċi Kriminali jekk ikollok akkumulu ta' ħtijiet ta' reati differenti fl-istess akkuża allura hija rregolata l-piena li tingħata. Jiġifieri dawk il-prinċipji, dawk ir-regoli xorta jibqgħu applikabbli.*

*Aħna dehrilna li veru kellna nagħmlu daqsxejn akkurat biex niddeċiedu jekk għandniex bżonn dawn ir-reati speċifiċi u eventwalment dehrilna li iva għad hemm lok li jkun hemm dawn ir-reati speċifiċi kif hawn hawnhekk definiti. Anke għall-istess sena koperti biżżejjed is-sitwazzjoni mbagħad bir-regoli l-oħra dwar il-konkors formali ta' reati u l-assorbiment tal-pieni.'*

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur John Spiteri) (Spettur Paula Ciantar) vs OMISSIS**'[9] fejn l-Ewwel Qorti dwar l-artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieset:

*'Illi permezz tat-tieni mputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat talli ppartecipa f' attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta bic-cirkostanzi aggravanti. Dan ir- reat kontemplat fl-Artiklu 204C(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie ntrodott fis- sistema legali taghna bl-Att XXXI tas-sena 2007 kif sussegwentement emendat bl- Att IV tas-sena 2014 u bl-Att XIII tas-sena 2018 u jikkontempla:*

*204Ċ. (1) Kull min jipparteċipa f' attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt is-sittax- il sena jehel, meta jinstab ħati, il-piena ta' prigunerija minn ħames snin sa għaxar snin.*

*Illi l-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Raisa Mangion" deciza fit-23 ta' Lulju 2014 fejn intqal:-*

*Il-ligi ma taghtix definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi attivitajiet sesswali pero' huwa maghruf li dawn l-atti jrid ikollhom bhala minimu certu element ta' sess sabiex l- atti jissejhu attivitajiet sesswali u ghalhekk m'hemmx dubju li ghandu jkun hemm l-uzu ta' l-organi sesswali tal-persuni nvoluti*

[9] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-1 ta' Frar, 2019

*fir-relazzjoni. Ghalhekk mhux kwalsiasi att bejn zewg minn nies f' relazzjoni tista tissejjah attivita sesswali bhal per ezempju tghanniqa jew koppja lambranzetta, jew addirittura 'flirting' ma jistax jissejjah attivita sesswali.*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Louise Calleja) vs Omissis" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Settembru 2018 ikkunsidrat is-segwenti atti bhala atti li jaqghu taht it-terminu 'attivita sesswali':-*

*Għalhekk jirriżultaw it-tlett elementi sabiex jirnexxi r-reat stipulat taht l-artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huma li l-persuna tkun taħt l-eta' (Ghalkemm fl- att ta' akkuza jindika lill-minuri li ghandha tlettax-il sena irrizulta li hija kellha erbatax-il sena) tajjeb li jingħad li llum il-ġurnata l-artikolu 203 tal- Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghal persuni 'taħt is-sittax-il sena', l-eghmil zieni tant li l-minuri hadet pjacir u t-tielet element l-att tal-korruzzjoni, f' dan il-kaz kif deskritt mill-minuri kkonsista f' tmesmis tal-partijiet privati ossia s-sider u l- vaġina, l-intromissjoni tas-subgħajh ġewwa l-vagina tal-minuri u l-egakulazzjoni barra u fil- preżenza tal-minuri. Liema atti jikkonsistu f' parteċipazzjoni f' attivitajiet sesswali kif jistipula l-artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi fil-kaz in dizamina ma hemmx dubju li l-atti li sehhew bejn l-imputat u l- minuri jikkonsistu f' attivita' sesswali ghaliex waqt il-massaggi kien ikun hemm ukoll massaggi tal-organi sesswali kemm tal-imputat kif ukoll tal-minuri u ghalkemm il-minuri spjegat li qatt ma kien hemm penetrazzjoni l-imputat kien imiss il-parti genitali tieghu ma' taghha u kien ikun hemm ukoll atti ta' masturbazzjoni.*

*L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati anki tat-tieni imputazzjoni migjuba fil- konfronti tieghu.'*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali[10] kienet ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Ghalhekk f'dak li jirrigwarda *Omissis* skont dak li xehed *Omissis* ma jirrizultax jekk l-appellant kienx qieghed jimmasturba mal-guvintur izda jirrizulta kjaramant li ma kien hemm l-ebda kuntatt bejn l-appellant u *Omissis*. Ghalhekk din il-Qorti abbazi ta' dak li xehed *Omissis* ma tistax tikkonkludi li l-appellant ippartecipa f'attivita' sesswali ma' *Omissis*. Dak li l-appellant talab lil *Omissis* biex jaghmel u cioe' li jimmasturba flimkien mal-guvintur l-ohra fil-prezenza tieghu huwa agir deplorabbli tenut kont tal-eta' tenera

[10] Fis-sentenza moghtija fil-25 ta' Lulju, 2019 (Appell numru 33 tal-2019) fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs -OMISSIS-'

li kellu *Omissis* u cioe' dik ta' erbatax-il sena u ghalkemm dak li l-appellant talab lil minuri kien intiz ghal gratifikazzjoni sesswali tal-appellant, ma jistax jinghad li dan l-att u cioe' li l-appellant ihares lejn minuri li jkun qieghed jimmasturba bhala li jaqa' taht ir-reat kontemplat taht l-artikolu 402Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Prosekuzzjoni ressqet lill appellant fuq dan ir-reat u ghalhekk anke jekk dan l-att jista' jitqies bhala kriminali u jista' jissusisti taht artikoli ohra tal-ligi, la darba ma jirrizultax li l-appellant kellu partecipazzjoni f'attivita sesswali ma' *Omissis* kif jirrikjedi l-artikolu 402Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din it-tieni imputazzjoni ma setghetx tissusisti f'dak li jirrigwarda l-agir tal-appellant versu *Omissis*.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti baqala tqis jekk ir-reat kontemplat fit-tieni (2) imputazzjoni tissustix rigwardanti dak li xehed *Omissis*. Dan il-minuri xehed ghalkemm lil Pulziija qalilhom li l-appellant ma ghamillu xejn, jghid li fil-verita '*Prova jdahhal idu u dahhalha imma tlaqt.*' Mistoqsi fejn dahhal idu wiegeb '*Gol-parti tieghi*' meta kienu fil-karozza. Jikkonferma li l-imputat prova jdahhal idu fil-parti tax-xhud u cioe' tal-minuri u l-minuri qallu biex inehhi idejh u l-appellant ma tkellimx, qallu li biex jiccajta. Meta mistoqsi '*Jigifieri meta prova jdahhal idejh ma rnexxilux idahhal idejh ghax ma hallejtux hux hekk int?*' wiegeb '*Ehe, <u>dahhalha</u> u nehhejtielu.*' (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti). Ghalhekk minn din ix-xhieda jirrizulta li l-appellant dahhal idejh fil-parti tal-minuri izda l-minuri ma hallihx. Ghalhekk l-appellant mhux biss prova jdahhal idejh izda li rnexxielu jdahhal idejh u l-minuri nehhielu. Il-fatt li l-appellant dahhal idejh '*Gol-parti*' tal-minuri tammonta ghal partecipazzjoni f'attivita' sesswali u dan peress li bil-fatt li l-appellant dahhal idejh, huwa ta' bidu ghal attivita' sesswali. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda raguni ghala ghandha tiddubita l-kredibilita' ta' *Omissis* u cioe' li l-appellant verament dahhal idejh fil-parti tal-minuri.

Din il-Qorti sejra issa tqis l-element formali tar-reat u cioe' jekk jirrizultax pruvat li l-appellant kien jaf li *Omissis* kellu anqas minn sittax-il sena. L-appellant jissottometti li l-att formali u cioe' li l-appellant kien jaf li *Omissis* u *Omissis* kienu taht l-eta' kien nieqes. Mix-xheida ta' *Omissis* ma jirrizultax jekk l-appellant kienx staqsih kemm kellu zmien. Din il-Qorti tissottolinea li kien sta ghall-appellant li jkun cert li l-persuni li maghhom xtaq li jkollu attivita sesswali kienu adulti u ghalhekk ma hijiex skuza li l-appellant ma kienx jaf. Meta l-appellant fl-istqarrija kien mistoqsi '*Kemm ghandu zmien Omissis ? Taf ?*'

wiegeb '*Ma nafx kemm ghandu*' meta mistoqsi '*Tahseb li ghandu iktar minn 18 jew inqas minn 18 ?*' wiegeb li '*Nahseb ghandu inqas*'. Il-ligi u cioe' l-artikolu 204Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta taqra '*Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt is-sittax-il sena jeħel, meta jinstab ħati...*'. Ghalhekk dan ir-reat jissusisti la darba l-appellant ippartecipa f'attivitajiet sesswali u cioe' dahhal idejh fil-parti ta' *Omissis*, irrespettivament tal-fatt jekk kienx jaf jekk *Omissis* kienx taht l-eta' o meno. In oltre', din il-Qorti lanqas ma temmen li l-appellant ma kienx jaf li *Omissis* kienu minuri u cioe' li kien taht is-sittax (16)-il sena. Din il-Qorti qiegdha ghalhekk gialadarba jirrizulta li l-appellant ippartecipa f'attivita sesswali ma minuri konsistenti mill-fatt li l-appellant kien dahhal idejh fil-parti ta' *Omissis* u dan tal-ahhar ma hallihx, qieghda tikkonferma l-htija tat-tieni imputazzjoni izda ma ssibx htija f'dak li jirrigwarda l-minuri *Omissis* ghar-ragunijiet gia kkunsidrati.

Ikkunsidrat;

L-appellant jaghmel paragun ma' kaz iehor u cioe' dwar il-piena inflitta fejn jghid li gie kkundannat tlett (3) snin prigunerija minkejja li skont l-appellant kellu aktar reati li gew addebitati lilu. Din il-Qorti tqis paraguni bejn sentenza f'dak li jirrigwarda l-piena li ghandha tigi inflitta ghal dawn it-tip ta' reati bhala odjuzi u dan stante li kull kawza fiha l-fattispeci taghha. Stante izda li din il-Qorti qieghda tirrevoka fejn din il-Qorti sabet htija tal-ewwel (1) imputazzjoni u qieghda ghalhekk tikkonferma l-htija in kwantu t-tieni imputazzjoni biss f'dak li jirrigwarda l-vittma *Omissis*, din il-Qorti sejra tqis jekk ghandu jkun hemm tnaqqis ta' piena u l-piena li ghandha tigi applikata ghandha tkun fil-parametri tal-piena fis-sehh meta gie kommess ir-reat. Din il-Qorti sejra tillimita ruha ghal dan l-artikolu u cioe 204Ċ(1) u mhux is-subartikolu (2) ghalkemm isemmi rimunerazzjoni jew korrispettiv b'kumpens u dan stante li l-Qorti fis-sentenza appellata ma sabitx htija taht l-artikolu 204Ċ(2) izda 204Ċ(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant fl-appell tieghu jissottometti li l-Qorti ghalkemm semmiet l-artikolu 17 ma indikatx jekk kinitx qieghda tirreferi ghas-subartikolu (b) jew (h). Din il-Qorti gialadarba qieghda tikkonferma htija tat-tieni (2) imputazzjoni biss ma ghandiex ghalxiex tqis l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tal- Psikologu Sesswali ex parte Dr Nicholas Briffa tad-disgha (9) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn spjega li kien ilu jaf lill-appellant fuq medda ta' sentejn u fejn l-appellant avvicinah waqt il-kaz odjern li qal li '*ma nista' nghid li hemm ebda tip ta' periklu jew xi haga li tista' taghmel xi individwu f'xi tip*

*ta' periklu'* u fejn in kontro ezami xehed li '*il-problema kienet li dan il-persuna kellu interazzjoni sesswali ma' xi hadd li huwa taht l-eta'*. *Issa jiena wahda mill-affarijiet li qisu ahna hux vera, qisu fis-sesswologija u Psikologija naghmlu accenn ghaliha l-persuna jekk ghandiex konjizzjoni ta' dak li ghamlet u Ray kellu konjizzjoni, jigifieri l-persuna ma pruvatx lili kif tghidha tbellali r-ross bil-labra jew pruvat il-persuna dejjem ikkollaborat u qisha minn naha tieghi ma narax li Raymond din kienet xi mgieba kompusiva li tista' tpoggi kontinwament lil dawn il-faxxa ta' propolazzjoni f' xi tip ta' periklu.'* L-Ufficjal tal-Probation Joseph Mizzi xehed tlett darbiet quddiem l-Ewwel Qorti. Fis-Social Inquiry Report datat il-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) tnizzel fost affarijiet ohra li '*ikun ta' benefiiċċju li l-imputat iżomm kuntatt mal-psikologu u sesswologu sabiex ikollu punt ta' riferiment fejn ikun jista' jesprimi diffikultajiet fl-emozzjonijiet tiegħu u jieħu l-kura meħtieġa,*' Tnizzel ukoll li '*L-eżitu ta' dan il-każ odjern għandu jkun ta' deterrent għal Azzopardi. Bi struttura stabbli f'ħajtu jkun jista' jegħleb diffikultajiet simili li jist' jiltaqa' magħhom bla ma jwassluh għal deċiżjonijiet żbaljati.*' Meta xehed fit-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) spjega li bil-kelma '*deterrent*' ried ifisser li '*persuna li jkun ghaddej minn proceduri Kriminali fil-konfront tieghu hemm ammissjoni jew m' hemmx ghandhom iservu ta' twissija jew kif ahjar wake up call speci*', spjega li '*Sabiex l-imgieba ta' dak il-persuna ma tigravax, ma tohloqx riskji ohra u jkunu ta' twissija kif ghidt sabiex ma jergax ikun hemm l-istess repetizzjoni ta' imgieba fil-futur.*' Huwa spjega li l-ghajnuna professjonali psikolgika tista' tkun fil-facilita Korrettiva ta' Kordin u anke fis-socjeta' u fil-kommunita'. Meta rega xehed fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) huwa spjega li ma kienx hemm zviluppi godda, li r-rapport kien wiehed pozittiv mill-att socjali u ma dahalx fil-mertu tal-kaz. Jghid li ikkonferma ukoll mal-Ispettur Busuttil u staqsieh jekk kienx hemm probliemi ohra mal-vittmi jew jekk semghax li kellu x'jaqsam mal-imputat b'mod gdid u qal li ma ma kienx hemm kazijiet godda u ma kellux kuntatt. Xehed li importanti li jkompli jindirizza '*mhux ha nghidilha problema*' pero jkompli jiehu gwida minn Professjonisti specifici. Gie ipprezentat rapport aggornat mill-Ufficjal tal-Probation Joseph Mizzi datat id-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn gie konkluz li jkun ghaqli ghall-imputat li jattendi laqghat mal-psikologu immirati biex jghinu lill-appellant jimmatura izjed u jsahhah il-karattru b'mod li jkun responsabbli t'ghemilu u bhala mizura ta' sigurta.

Din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li r-reat huwa wiehed serju u cioe' partecipazzjoni f'attivita sesswali ma' minuri taht l-eta' fejn minkejja li fil-kaz ta' *Omissis* l-appellant skont dak li xehed l-istess *Omissis* lehaq biss dahal idejh fil-parti tal-minuri, setgha kien hemm

riperkussjonijiet hafna akbar. Tenut kont tas-serjeta' tal-imputazzjoni li taghha l-Qorti qieghda tikkonferma l-htija, din il-Qorti tqis l-piena idonea hija dik ta' piena karcerarja effettiva. Gialadarba izda li din il-Qorti qieghda tikkonferma l-htija tat-tieni (2) imputazzjoni biss f'dak li jirrigwarda l-minuri *Omissis* u mhux *Omissis* u qieghda ukoll tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti sabet htija tal-ewwel (1) imputazzjoni, sejra tnaqqas il-piena inflitta minn tlett (3) snin prigunerija ghal tmintax (18)-il xahar prigunerija. In oltre' mill-atti jirrizulta li l-appellant fil-mori ta' dan il-kaz attenda ghal sezzjonijiet ma' Psikologu u Sesswologu u tenut kont tal-imputazzjoni li taghha qieghed jinstab hati, din il-Qorti temfasizza l-htiega li l-appellant ikompli jigi segwiet minn Dr Nicholas Briffa u qieghda ghalhekk tikkonferma l-Ordni ta' Trattament ordnata mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti sejra ukoll tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti ordnat il-hlas tar-rapport tal-espert Dr Steven Farrugia Sacco gialadarba din il-hatra tieghu kienet intrinsikament relatata mal-ewwel (1) imputazzjoni li taghha l-appellant mhuwiex qieghed jinstab hati.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell billi filwaqt li thassar u tirrevoka fejn il-Qorti sabet htija tal-ewwel imputazzjoni, tikkonferma l-htija tat-tieni imputazzjoni fil-konfront tal-appellant kif ikkunsidrat f'din is-sentenza u cioe' in kwantu din it-tieni imputazzjoni hija riferibbli ghal *Omissis* izda thassar fejn il-Qorti sabet htija tat-tieni imputazzjoni fil-konfront tal-appellant fejn riferibbli ghal *Omissis*. Rigwardanti l-piena, thassar u tirrevoka fejn il-Qorti ikkundannat lill-appellant tlett (3) snin prigunerija u minflokk tikkundannah ghal tmintax (18) il-xahar prigunerija effettivi.

Din il-Qorti tirrevoka l-Ordni tal-Ewwel Qorti maghmulha *ai termini* tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali il-Qorti fejn ikkundannat lill-appellant ihallas is-somma ta' elf, hames mija u disgha u tmein ewro u hdax-il centezmu (€1589.11) u cioe' l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert Dr Steven Farrugia Sacco.

Din il-Qorti tikkonferma fejn b'aplikazzjoni tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, il-Qorti ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghal perjodu ta' sentejn fejn il-persuni protetti huma *Omissis*, *Omissis*, *Omissis*, *Omissis*, *Omissis*, Omissis u Omissis. Dan il-perjodu jibda ghaddej mil-lum.

Il-Qorti tikkonferma ukoll l-ordni tal-Ewwel Qorti fejn wara li rat il-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru indikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

Il-Qorti tikkonferma ukoll l-ordni fejn sabiex tigi protetta l-identita' tal-minuri, il-Qorti ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri kollha fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Din il-Qorti tikkonferma ukoll l-ordni fejn b'applikazzjoni tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, il-Qorti poggiet lill-imputat taht l-Ordni ta' Trattament ghal perjodu ta' tlett (3) snin taht il-kura tal-psikologu Nicholas Briffa u dan skond il-kundizzjonijiet indikati fid-digriet tal-Ewwel Qorti. Dan it-terminu jibda' ghaddej mil-lum.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur